MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tat-30 ta' Lulju, 2010

Appell Civili Numru. 124/2009/1

**Id-Direttur, Qrati Civili u Tribunali bhala Registratur Qrati u Tribunali Civili**

**v.**

**Mark Debono u Waterproof-It Limited**

**Il-Qorti:**
**Preliminari**

Dan hu appell ad istanza tal-intimati Mark Debono u Waterproof-It Limited minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta' Gunju 2010 li ddecidiet billi filwaqt li cahdet l-eccezzjonijiet tal-intimati *ai termini* tal-

Artikoli 997 *et seq.* tal-Kap. 12 ikkundannat lill-intimat Mark Debono sebat ijiem prigunerija, u kkundannat lis-socjeta` intimata amenda ta' hames mitt Ewro; u ordnatilhom jottomperaw ruhhom ma' l-ordni tal-Qorti biex jieqfu b'effett immedjat mix-xoghlijiet intraprizi, u f'kaz li ma jaghmlux hekk tibda tiddekorri ammenda ta' tletin Ewro (€30) ghal kuljum li jibqghu ma jaghmlux dan, pagabbli minnhom solidalment lir-rikorrent. L-ispejjez tal-kawza jkunu a karigu tal-intimati. Il-Qorti ordnat li kopja tas-sentenza tigi notifikata lill-Kummissarju tal-Pulizija.

Ghal intendiment ahjar ta' dan l-appell, il-Qorti qeghda tirriproduci *in toto* s-sentenza appellata kif jidher hawn taht:

"Rat ir-rikors guramentat ipprezentat fit-12 ta' Frar 2009 li permezz taghha r-rikorrent ippremetta:

"1. Illi fit-30 ta' Settembru 2008, l-Avukat Simon Galea Testaferrata u martu pprezentaw Mandat ta' Inibizzjoni Nru 1504/08 hawn esebit u mmarkat Dok. A sabiex iwaqqfu lill-intimat milli jkomplu jibnu, itellghu jsaqqfu u jizviluppaw is-sit tal-fond precedentement numerat 80/81, Triq il-Kbira, San Giljan, liema Mandat gie milqugh provvizorjament dakinhar stess kif jidher fid-dokument Dok. B;

"2. Illi sussegwentement, l-Avukat Simon Galea Testaferrata u martu pprezentaw rikors fejn gabu a konjizzjoni tal-Qorti li, minkejja l-hrug tal-Mandat fuq imsemmi, ix-xoghlijiet baqghu jsiru;

"3. Illi, fit-23 ta' Ottubru 2008, din l-Onorabbli Qorti laqghet il-hrug definittiv tal-Mandat ta' Inibizzjoni kif mitlub, kif jidher fl-anness dokument Dok. C;

"4. Illi, fit-23 ta' Ottubru ukoll, din l-Onorabbli Qorti kkonkludiet illi l-intimati kienu kisru l-ordni tal-Qorti tat-30 ta' Settembru 2008 u ghalhekk ordnat lir-Registratur tal-Qorti sabiex minnufih jistitwixxi proceduri ghad-disprezz kontra l-intimati, kif jidher fl-anness dokument Dok. D;

“5. Illi ghalhekk kellu jsir dan ir-rikors.

“Ghaldaqstant in vista tas-suespost, tghid l-intimata ghaliex m’ghandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna:

“1. Issib lill-intimati jew min minnhom hatja ta’ disprezz kontra l-awtorita` taghha *ai termini* tal-Artikolu 997 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

“2. Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom ghall-pieni indikati fl-istess artikolu u tikkundannaha ghal prigunerija ghal zmien sa xahar jew ghal multa ta’ mhux inqas minn mitejn u tlieta u tletin Ewro (€233) u mhux aktar minn elfejn tlett mija u tletin Ewro (€2,330) jew ghal multa u prigunerija flimkien;

“3. Timponi kwalunkwe ordni ohra mehtiega fuq l-intimati jew min minnhom *ai termini* tal-Artikolu 997 sub-artikolu (2) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta inkluz billi tiffissa zmien perentorju sakemm dawn l-istess ordnijiet ghandhom jigu sodisfatti mill-intimati jew min minnhom;

“Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-intimati in subizzjoni, u bir-riserva ta’ kull dritt ta’ azzjoni ulterjuri skond il-ligi.

“Rat id-dikjarazzjoni mahlufa tal-attur u l-lista tax-xhieda.

“Rat ir-risposta guramentata tal-intimati, pprezentata fil-11 ta’ Gunju 2009, li permezz taghha gie eccepit:

“1. Illi fl-ewwel lok mill-provi ghandu jirrizulta illi l-esponenti jew min minnhom m’humiex hatja ta’ disprezz kontra l-Awtorita’ tal-Qorti u dan kif ser jirrizulta waqt is-smiegh tal-provi;

“2. Illi Mark Debono u jew Waterproof-It Limited ma kienux fuq il-fond wara li nhareg il-mandat *de quo* u ma ezegwewx ebda xoghlijiet fil-fond imsemmi b’hekk m’humiex hatja ta’ disprezz lejn l-Awtorita` tal-Qorti.

“Rat id-dikjarazzjoni mahlufa tal-intimati u l-lista tax-xhieda.

“Rat l-atti processwali;

“Semghet ix-xhieda;

“Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta’ April 2010 illi permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza;

“Ikkunsidrat;

Illi din hija kawza dwar disprezz lejn l-Awtorita` tal-Qorti mressqa mir-rikorrent wara li l-intimati gew ordnati biex jieqfu mix-xoghlijiet imsemmija fir-rikors promotur. Dan sar in segwitu ghal rikors mill-konjugi Galea Testaferrata u d-digriet tal-Qorti illi ordnat li ssir din il-kawza.

“Kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Registratur tal-Qrati Superjuri v. Kristinu Giordmaina** (25 ta’ Settembru 2003 **-**JRM) deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta,

*““Il-procedura ta’ disprezz ghandha natura partikulari. Hija mahsuba biex thares ir-rispett li ghandu jingieb lill-Qorti. Wahda mis-setghat ewlenin ta’ kull Qorti hija li taghti ordnijiet lil xi hadd, kemm jekk biex il-persuna taghmel xi haga jew biex dik il-persuna ma taghmilx xi haga. ... Kif jghallem* ***Lord Denning****, “This kind of contempt has the characteristics which are common to all contempts of Court. It is a criminal offence. It must be proved beyond reasonable doubt”. (****In re Bramblevale Limited*** *– 1970).*

*“Illi minbarra dan xilja ta’ disprezz iggib maghha l-htiega li tigi ppruvat, minn min qieghed jixli, il-fehma tal-persuna mixlija li tisfida l-ordni tal-Qorti u b’konsegwenza ta’ hekk l-awtorita` taghha.*

*“Illi madankollu di l-intenzjoni ma tiddependix minn jekk il-persuna mixlija tqisx l-ordni moghti lilha bhala wiehed korrett jew le; is-siwi ta’ dik l-ordni, sakemm ma jithassarx b’ordni iehor tal-Qorti nnifisha jew ta’ Qorti ohra, huwa*

*raguni oggettiva li torbot lill-mixli li joqghod ghaliha, jaqbel jew ma jaqbilx maghha. Hekk stabbilew il-Qrati taghna, ukoll fejn wara rrizulta li l-ordni tal-Qorti kien wiehed null u bla siwi (Appell Civili,* ***Edward Camilleri v. Carmelo Vella*** *7 ta' Ottubru 1997)."*

"Ir-rikorrent ghalhekk fil-kawza m'ghandu xejn x'jirbah ghajr li jizgura li tigi mharsa l-amministrazzjoni tal-gustizzja – **Il-Qorti v. Camilleri** Vol. LXXIV-iii-546).

"Kif gia` inghad, l-intimati qed isostnu li huma ma baqghux jahdmu fuq il-lok imsemmi fir-rikors wara illi nhareg il-mandat. Madankollu skond id-depozizzjoni tal-Avukat Simon Galea Testaferrata jirrizulta car illi l-intimat u s-socjeta` intimata baqghu jahdmu fuq il-post u dan anke wara li kellhom l-ordni tal-Qorti biex jieqfu.

"Il-Qorti jidhrilha li min jinjora, kif ghamel l-intimat, ordni daqshekk cara tal-Qorti ghandu jigi punit bil-prigunerija u ghalhekk se tapplika din il-piena. Ir-rikorrent ghamel ukoll sew li talab l-applikazzjoni tal-Artikolu 997 (2) tal-Kap. 12 ghaliex huwa car li kieku ma jsirx hekk l-intimat jista' jeludi l-ordni tal-Qorti billi jibqa' ghaddej bix-xoghol qisu qatt ma gara xejn.

"Ghal dawn il-motivi l-Qorti filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-intimati *ai termini* tal-Artikoli 997 *et sequitur* tal-Kap. 12 tikkundanna lill-intimat sebat ijiem prigunerija, tikkundanna lis-socjeta` intimata ghal amenda ta' hames mitt Ewro; u tordnalhom jottomperaw ruhhom mal-ordni tal-Qorti fuq imsemmija billi jieqfu b'effett immedjat mix-xoghlijiet imsemmija; f'kaz li ma jaghmlux dan tibda tiddekorri amenda ta' tletin Ewro (€30) ghal kuljum li jibqghu ma jaghmlux dan, pagabbli minnhom solidalment lir-rikorrent.

"L-ispejjez tal-kawza a karigu tal-intimati.

"Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lill-Kummissarju tal-Pulizija.

**Appell tal-intimati Mark Debono u Waterproof-It Limited**

L-intimati hassewhom aggravati bis-sentenza surriferita tal-Qorti tal-ewwel grad u interponew appell minnha b'dawn l-aggravji;

1. Fl-ewwel aggravji l-intimati jghidu li huma fl-ebda mument ma ghamlu xi azzjoni li biha urew disrispett lejn l-awtorita` tal-Qorti.

2. Illi minhabba zball ta' data, l-appellanti tilfu l-andament tal-kawza bil-konsegwenza li ma attendewx ghal zewg seduti u l-kawza thalliet ghas-sentenza minghajr ma huma nghataw l-opportunita` li jikkontestaw il-kawza fil-mertu.

3. It-tielet aggravju jirrigwarda l-mertu, u l-appellanti jghidu li kien hemm diversi kuntratturi fuq il-post qed jahdmu li ma kienux kolpiti bil-mandat. Hu u l-kumpanija Waterproof-It m'humiex is-sidien tal-fond *de quo* u meta hu rcieva r-rikors kien waqaf. Inoltre ma ngabitx prova mir-rikorrent dwar liema persuni kienu allegatament qed jahdmu fil-fond u baqghu ghaddejjin bix-xoghol bi ksur tal-ordni tal-Qorti.

4. Ir-raba' aggravju huwa li billi l-azzjoni hija ta' indoli kriminali, l-ewwel Qorti messha ordnat in-notfika tad-digrieti meta saru d-differimenti.

5. Fl-ahhar nett l-appellanti jissottomettu li, anke jekk jirrizulta l-agir tal-appellanti, il-piena imposta mill-ewwel Qorti hija ezagerata u hemm pieni aktar adatti ghal kaz. Huma ma kellhom ebda intenzjoni li jisfidaw il-Qorti jew juru disprezz lejha.

Ghal dawn ir-ragunijiet l-intimati talbu r-revoka tas-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti jew alternattivament tnaqqis fil-piena inflitta jew li din il-Qorti tirrimetti l-kawza quddiem l-ewwel Qorti sabiex tkompli tisma' l-provi tal-appellanti. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra r-rikorrent.

**Risposta tal-appell tad-Direttur, Qrati Civili u Tribunali.**

Id-Direttur, Qrati Civili u Tribunali appellat jikkontendi li s-sentenza appellata hija wahda gusta u li, ghar-ragunijiet minnu premessi, timmerita li tigi konfermata, prevja c-cahda tal-appell bl-ispejjez kontra l-appellanti.

**Konsiderazzjonijiet**

L-ewwel aggravju tal-appellanti se jigi kkunsidrat flimkien mal-hames aggravju aktar 'il quddiem wara l-aggravji l-ohra.
Fit-tieni aggravju taghhom, l-appellanti qed jissottomettu li gie negat lilhom id-dritt ghal smigh xieraq billi ma nghatawx l-opportunita` li jikkontestaw fil-mertu t-talba tar-rikorrent.

F'dan il-kaz il-kawza kienet giet appuntata bhala l-ewwel appuntament ghat-22 ta' Gunju 2009 (u dehru l-avukati tal-partijiet) u dakinhar giet differita ghat-23 ta' Novembru 2009 (meta regghu dehru l-avukati kif ukoll il-konvenut) ghall-provi tal-attur. Fit-23 ta' Novembru 2009 il-kawza giet differita billi bi zvista l-attur ma kienx harrek xhieda. Fit-3 ta' Frar 2010 xehed Dr. Simon Galea Testaferrata u l-intimati u d-difensur taghhom ma dehrux u l-kawza baqghet differita ghat-28 ta' April 2010 <u>ghall-provi kollha li baqa' tal-partijiet</u>. Fit-28 ta' April 2010 deher biss l-Avukat difensur tal-attur u l-kawza thalliet ghas-sentenza ghad-9 ta' Gunju 2010 f'liema data s-sentenza nghatat. Fil-frattemp ma kien sar ebda rikors mill-intimati ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza.

L-appellanti jghidu li bi zvista huma ma kienux deheru ghal dawk iz-zewg seduti u tilfu t-*trail* tal-kawza. L-appellanti b'daqshekk ma ghandhom l-ebda dritt jghidu li ma nghatawx smigh xieraq, meta kienu huma stess illi kienu hatja ta' nuqqas in kwantu <u>bla gustifikazzjoni</u> fallew milli jipproducu l-provi kollha taghhom meta hekk mitluba biex jaghmlu. Ghalhekk tenut kont tac-cirkostanzi f'dan il-kaz, din il-Qorti ma tirravvizax xi ksur tal-principju ta' gustizzja naturali ta' smiegh xieraq. Kif rimarkat fid-decizjoni fl-ismijiet **Joseph Falzon v. Anthony Debono noe**, Appell Kummerc, 13 ta' Jannar 1975, "*ghall-finijiet*

*procedurali hemm diversita` kbira bejn il-kaz fejn ma jinstemghux il-provi tal-konvenut minhabba cahda tad-debita opportunita` bhal meta jigi ngustament rifjutat is-smiegh tal-provi legittimi offerti minnu, jew meta l-proceduri inizjati kontra tieghu jigu prosegwiti minghajr ma jkun gie notifikat bihom, u ad insaputa tieghu, u bejn il-kaz, fejn minhabba nuqqas tieghu stess, jibqa' ma jgibx il-quddiem il-provi tieghu meta tkun giet moghtija lilu kull opportunita` li jgibhom. F'dan l-ahhar kaz "imputet sibi".*"

Dan l-aggravju ghalhekk qed jigi respint.

Fit-tielet aggravju taghhom l-appellanti jissottomettu li huma m'humiex is-sidien tal-post u kien hemm diversi kuntratturi fuq il-post qed jahdmu li ma kienux kolpiti bil-mandat.

Jigi rilevat li l-mertu f'din il-kawza huwa dwar disprezz lejn l-Awtorita` tal-Qorti in segwitu ghall-ordni mahrug minnha. Huwa evidenti li l-process ta' disprezz jimxi indipendentement minn dak civili u l-iskop tieghu mhux li jinvestiga l-mertu li jkun gia` gie ezaminat u determinat mill-Qorti fis-smigh tal-process civili, f'dan il-kaz fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni. Fil-process civili l-Qorti laqghet it-talba ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-intimati u dik l-ordni kellha tigi obduta mill-intimati, indipendentement jekk qablux maghha jew le. F'kaz li huma ma kienux qed jaqblu maghha, kellhom rimedji ohra, izda zgur, mhux li ma jobdux jew jinjoraw l-ordni tal-Qorti qisu xejn.

F'kawza dwar disprezz l-intimati (jew konvenuti) jehtigilhom juru lill-Qorti li huma ma kisrux l-ordni taghha u li kienu waqfu mix-xoghol kif ordnat. F'dan il-kaz l-intimati, b'tort taghhom, lanqas biss ressqu provi fil-prim istanza u issa fl-appell irid jifthu l-kaz mill-gdid. Huma issa qed jillanjaw li m'humiex il-proprjetarji tal-fond in kwistjoni u li l-bini ma giex kostruwit minnhom. Dwar din il-lanjanza l-Qorti tirrileva li din il-kwistjoni diga` giet determinata meta nhareg il-mandat ta' inibizzjoni u f'dak l-istadju l-intimati ma ressqu ebda eccezzjoni f'dan is-sens, u kien biss wara l-hrug tal-mandat li l-intimati bdew jissollevaw dan il-punt li

jghidu li huma ma kellhom x'jaqsmu xejn mill-kostruzzjoni tal-fond u kienu biss qed iwahhlu l-*membrane*.

Dr. Simon Galea Testaferrata, li kien talab il-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni, xehed li kien Mark Debono li avvicinah u talbu permess biex il-hajt tal-gnien jitwaqqa' halli jerga' jinbena mill-gdid biex jiffacilita` l-izvilupp tieghu (ara fol. 31). Hu kien ta permess lilu taht certi kondizzjonijiet izda wara ma riedx jiffirma abbozz li kien tah. Dr. Galea Testaferrata jkompli li kien Mark Debono li avvicinah u hadd aktar. Hu qatt ma qallu li qed jitkellem ghan-nom ta' xi kumpanija ohra. F'dak l-istadju kien tkellem Mark Debono u Waterproof-It Ltd, u l-mandat hareg kontra taghhom u gie milquh izda huma baqghu ghaddejjin bix-xoghol u llum il-post huwa lest (ara fol. 34). Kien biss wara li Dr. Galea Testaferrata pprova jwaqqaf lill-intimati, anke bl-assistenza tal-Pulzija billi kienu komplew bix-xoghol, li l-intimati bdew jghidu li l-post kien ta' kumpanija ohra.

Fil-fehma tal-Qorti una volta li l-mandat hareg legalment kontra l-intimati, kienu huma li kellhom jobdu l-ordni tal-Qorti. Jirrizulta madankollu li l-kumpanija li l-intimat Mark Debono issa qed jghid li hija sid tal-fond u li qed taghmel il-kostruzzjoni, hija ta' martu stess, u jidher almenu li indirettament l-istess Mark Debono kien qed jiddilja anke ghan-nom taghha ma' Dr. Galea Testaferrata dwar dan il-fond. L-intimat dejjem deher hu fit-trattattivi fuq il-bini u l-involviment tieghu ma kienx limitat biss ghall-*membrane*.

Dan l-aggravju, ghalhekk, qed jigi respint ukoll.

Fir-raba' aggravju l-appellanti jikkontendu li stante li dawn il-proceduri huma ta' indoli kriminali huma kellhom jigu notifikati bis-seduta bhal ma jsir fil-kawzi kriminali. Din il-Qorti tirrileva li ghalkemm m'hemmx dubju li l-procediment ta' disprezz huwa wiehed ta' natura penali, izda dan jiehu s-sura ta' procediment civili u tigi segwita wkoll il-procedura bhal fil-kawzi civili. Ghalhekk f'dan il-kaz ma kienx hemm ghalfejn li l-intimati jigu notifikati b'kull differiment imma la darba gew notifikati bil-proceduri

kontra taghhom l-ewwel darba, kien obligu taghhom li jkomplu jsegwu l-kawza sakemm tinqata'.

Fl-ewwel u l-ahhar aggravju taghhom l-intimati jissottomettu li huma ma kellhom l-ebda intenzjoni li jisfidaw il-Qorti jew juru disprezz lejha. Inoltre
l-piena imposta mill-ewwel Qorti hija ezagerata u hemm pieni aktar adatti ghall-kaz.

Dwar l-ahhar sottomissjoni tal-appellanti fuq il-piena, l-appellat irrimetta ruhhu ghal gudizzju ta' din il-Qorti.

Illi m'hemm dubju li min jinsab hati ta' ksur ta' ordni ta' Qorti moghti f'mandat ta' inibizzjoni jsir hati ta' disprezz lejn l-awtorita` taghha u ghalhekk japplikaw is-sanzjonijiet previsti mil-ligi.

Dwar il-piena, filwaqt li l-Qorti kellha d-dritt u l-obbligu li tassigura rispett lejn l-awtorita` taghha, specjalment fejn dan jimmanifesta ruhu f'dizobbidjenza ghad-digriet taghha, kienet dik il-Qorti li fil-konfront taghha jkun allegatament intwera disprezz li kellha tkun l-arbitru biex tiddeciedi mhux biss jekk tali disprezz kienx jezisti jew le, imma kemm kien munit bl-intenzjoni li tigi oltreggjata l-awtorita` tal-Qorti, kif wkoll il-gravita` ta' tali oltragg (ara **P.A. (PS) Registratur tal-Qorti Superjuri v. Frances Bugeja deciza 28 ta' Frar 2003.**).

Din il-Qorti hi konxja tal-fatt li llum 'il gurnata l-kawzi dwar disprezz lejn l-awtorita` tal-Qorti qed jigu nkanalati fil-prim istanza quddiem l-istess gudikant skond listi, u minhabba f'hekk, dik il-Qorti li qed tisma' dawk il-kawzi, aktar minn Qrati ohra, u anke minn din l-istess Qorti, qed tkun taf ahjar il-frekwenza u r-ripetizzjoni ta' kazi simili, u ghalhekk qed tkun aktar f'posizzjoni li tikkalibra l-piena li kull kaz jisthoqqlu. Ghal din ir-raguni din il-Qorti m'hix se tiddisturba d-diskrezzjoni uzata mill-ewwel Qorti u l-piena inflitta, li wara kollox tidhol fil-paramentri tal-ligi. Jigi notat li l-intimati injoraw l-ordni tal-Qorti u baqghu ghaddejjin bil-bini u llum ix-xoghol huwa kollu lest. Inoltre l-intimati lanqas biss dehru quddiem l-ewwel Qorti biex jaghtu

raguni ghaliex huma ma obdewx l-ordni tal-Qorti. Il-piena ghalhekk erogata mill-ewwel Qorti hija gustifikata.

Ghaldaqstant il-Qorti qeghda tichad l-aggravji kollha ta' intimati appellanti billi hija tal-fehma li dawn huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Finalment il-Qorti tirrileva li fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti ordnat lill-intimati biex jottemperaw ruhhom mal-ordni tal-Qorti billi jieqfu b'effett immedjat mix-xoghlijiet imsemmija u f'kaz li ma jaghmlux dan tibda tiddekorri ammenda ta' 30 Ewro ghal kuljum li jibqghu ma jaghmlux dan. Jirrizulta pero` li llum il-kostruzzjoni tlestiet kollha u skond Dr. Galea Testaferrata ttellghu tliet sulari u *penthouse*. Din il-Qorti ma tarax kif issa f'dan l-istadju l-intimati jistghu jigu ordnati li ma jkomplux ix-xoghol meta kollox tlesta. Din l-ordni ghalhekk qed tigi revokata, salv li jibqghu impregudikati d-drittijiet kollha ta' konjugi Galea Testaferrata ghar-rimedju civili.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, tiddeciedi billi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata hlief ghall-ordni biex jieqfu b'effett immedjat ix-xogholijiet li qed tigi revokata. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi ghall-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------